


# IL-LEGAT TAŻ-ŻWIEĠ

Is-sitta u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar legat taż-żwieġ li l-għotja tiegħu kienet f'idejn l-Universitas. Ir-reġistrazzjoni tal-għotja saret nhar it-13 ta' Ġunju, 1700 — tliet mit sena ilu. Tinsab reġistrata fit-tmien volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 29v (NAG, UG, Acta, 8/1699-1700, f. 29v).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Michele Hagius, tesoriero di quest'Università del Gozo pagarete dall'effetti destinati per il maritaggio di povera zitella; in cusori potere pervenuti a Veronica figlia d'Agostino di Cace maritata con Giuseppe Zammit scudi venti quattro e tarì undici di moneta, che ballottata gli tocco in sorte li 8 Settembre 1687, di che tirando usara cautela porrete si usari conti li 13 giugno 1700.**

Jgħid il-Malti, li: Bla flus la tgħannaq u lanqas tbus; jiġifieri mingħajr dota la tista' titgħarras u lanqas tiżżewweġ. Mingħajr flus, kif jgħid ukoll il-Malti, tibqa' fuq l-ixkaffa. Konxji minn dan il-Knisja u l-Gvern, sa minn żminijiet imbiegħda, ħolqu fondi ta' flus biex mill-imgħax tagħhom ikunu jistgħu jgħinu lil dawk li dawk ix-xebbiet foqra li jridu jiżżewġu, iżda li ma jkollhomx flus. Dawn il-fondi huma magħrufa bħala legati taż-żwieġ. Permezz ta' dawn il-legati, il-Knisja jew il-Gvern kienu jipprovdu l-flus, jew, iktar preċiżament, id-dota lil dawn ix-xebbiet foqra b'idhom f'idhom biex ikunu jistgħu jiżżewġu u jieħdu xi ħaġa magħhom fid-dar tar-raġel futur.

L-għoti ta' dawn il-legati kienet issir b'diversi modi. Xi drabi, li min japplika, kien jintalab l-arblu tar-razza biex il-legat jingħata lil xi qariba tal-fundatur jew fundatriċi tal-legat; drabi oħra, bħal fil-każ imsemmi fuq, kien jingħata bit-tlugħ tax-xorti. Min kien iwaqqaf il-legat ġie li kien anki jiddetermina d-data meta kellu jingħata.

Din l-aħħar kundizzjoni aktarx li kienet magħmula fil-legat imsemmi f'dan id-dokument li kien jittella' bix-xorti nhar it-8 ta' Settembru, festa tan-Nativitā tal-Madonna jew tal-Vitorja. Il-legat kellu jingħata lil xebba fqira

Fit-8 ta' Settembru, 1687, kienet telgħet f'dan il-legat Veronica, bint Agostino di Cace. Għal xi raġuni jew oħra il-flus ta' dan il-legat ma kinux mgħoddija lilha immedjatament. Min jaf kinitx ħassret iż-żwieġ dik il-ħabta? Żmien wara kienet miżżewġa lil Ġużeppi Zammit.

Tlettax-il sena wara li kienet telgħet fil-legat, fit-13 ta' Ġunju, 1700, Michele Hagius, it-teżorier ta' l-Universitas ingħata l-ordni biex bħala *cursori*, jiġifieri uffiċjal maħtur apposta mill-Universitas jesegwixxi din l-ordni, juża l-kawtela tas-soltu, u jieħu l-flus minn fejn soltu. It-Teżorier, kif kien ordnat, għadda l-flus ta' dan il-legat li kienu jammontaw għas-somma sabiħa 24 skut u 11 irbiegħi.


Michele Hagius Tes.ro di quest'Univ.tà del Gozo pagarete dall'effetti destinati per il maritaggio di povera zitella in cusori potere pervenuti a Veronica figlia d'Agostino di Cace maritata con Giuseppe Zammit scudi venti quattro e tarì undici di mon.ta, che ballottata gli toccò in sorte li 8. 7bre 1687: di che tirando usara cautela porrete a usari conti li 13: Giugno 1700